# *Lejn Soċjeta' Sostenibbli*

**Proposti għall-Baġit 2013**

**Union Ħaddiema Magħqudin**

## Preambolu

Il-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) bħal ma dejjem tagħmel, qed tippreżenta lill-gvern numru ta' proposti għall-Baġit 2013. Il-proposti elenkati f'dan id-dokument ma jirriflettux biss il-ħtiġijiet ta' pajjiżna fiż-żmien immedjat, iżda jindirizzaw ukoll it-tħaddin ta' politika sostenibbli f'kull qasam, kemm dak ekonomiku u finanzjarju, kif ukoll dak soċjali. Il-UĦM temmen bis-sħiħ li t-tisħieħ fl-oqsma imsemmija hawn taħt iservi biex ikollna soċjeta' aktar b'saħħitha u ġusta.

## L-isfida tal-Ġejjieni – Id-Demografija

Bħal kull soċjeta' oħra tal-Punent, il-popolazzjoni Maltija fis-snin li ġejjien ser tkun qed taffaċja sfidi ġodda u bla preċedent minħabba l-fenomenu ta' popolazzjoni dejjem tixjieħ. Dan l-avveniment ser jaffettwa bil-kbir l-ekonomija hekk kif sa issa konna drajna b'suq tax-xogħol dejjem jikber minħabba l-influss ta' aktar żagħżagħ. Mill-2010, il-potenzjal ta' nies ta' bejn l-20 u l-64 li jistgħu jikkontribwixxu fis-suq tax-xogħol beda jiċkien u huwa mistenni li minn nofs id-deċenju li jmiss, anke n-numru ta' nies f'impjieg jibdew jonqsu.




Mingħajr ebda dubju ta' xejn, dan kollu ser ikollu impatt fuq is-soċjeta' hekk kif is-sistemi eżistenti nħolqu għall-soċjeta' fejn il-popolazzjoni kienet qiegħda tikber u mhux tiċkien. Is-sisien ta' l-istat soċjali ġew mibnijien fuq pilastri li dejjem sabu popolazzjoni żagħżugħa li ssostnihom.

Għaldaqstant biex nissalvagwardjaw il-livell ta' l-għixien milħuq għall-ġenerazzjonijiet li jmiss jeħtieġ li pajjiżna jindirizza s-sostenibilita' ta' l-oqsma kollha li minnhom tiddependi s-soċjeta' tagħna.

## L-Edukazzjoni

Matul dawn l-aħħar snin, pajjiżna għamel qabża l-quddiem fil-qasam edukattiv, kemm bl-investiment li sar fuq binjiet ġodda, kif ukoll biż-żieda ta' korsijiet ġodda fl-MCAST u l-Universita'. Ta' min isemmi ukoll li pajjiżna rnexxilu jżied r-rata ta' kemm studenti jkompli l-istudju tagħhom wara l-edukazzjoni

obligatorja, madanakollu jrid jiġi rimarkat li Malta għad għandha l-għola rata fost il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja ta' studenti li ma jkomplux edukazzjoni formali wara li jagħlqu s-sittax il-sena.

Huwa mistenni li l-poplazzjoni taż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u t-22 sena ser tinżel minn 40,000 fl-2010 għal 30,000 fis-sena 2020. Dan kollu jfisser anqas studenti u eventwalment anqas ħaddiema li kapaċi jidħlu fis-suq tax-xogħol. Jirriżulta li minkejja li bħalissa f'pajjiżna qed jiggradwaw b'suċċess mill-MCAST, l-ITS u l-Universita' l-fuq minn 3,000 student, sa l-2020 dan in-numru mistenni jonqos gradwalment għal madwar 2,700 student. Dan it-tnaqqis mistenni jseħħ minkejja li r-rata ta' suċċess minn sena għal oħra tkun qiegħda tiżdied. Huwa mbassar li n-numru ta' studenti li jagħżlu li ma jkomplux bl-istudju tagħhom wara li jalgħqu s-sittax il-sena mistenni jinżel minn madwar 2,500 bħalissa għal 1,700 fis-sena 2020.




Għaldaqstant, il-UĦM qed tħeġġeġ lill-gvern biex jinvestiga b'mod dettaljat għala f'pajjiżna minkejja l-investiment kollu li qed isir, mijiet ta' studenti xorta mhux jirnexxilhom jaslu li jkomplu b'suċċess l-edukazzjoni tagħhom. Ma dan il-UĦM tħeġġeġ lill-gvern biex b'mod fattibli jagħraf jindirizza l-problemi li jkunu rriżultaw minn dan l-istudju.

## Is-Suq tax-Xogħol

Ekonomija b'saħħitha teħtieġ suq tax-xoġħol b'saħħtu. Matul dawn l-għaxar snin, iġifieri bejn l-2010 u l-2020, l-potenzjal ta' nies li jistgħu jikkontribwixxu fil-qasam tax-xogħol f'pajjiżna ser ikun naqas madwar 6,000 ruħ. Fid-deċenju ta' wara dan it-tnaqqis mistenni jitla' għal 11,000 ruħ anqas. Dan it-tnaqqis jindika biċ-ċar li t-tkabbir ekonomiku f'pajjiżna jrid joriġina mhux aktar mill-ammont ta' ħaddiema li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, iżda rridu naraw kif l-istess ħaddiema li għandna fil-postijiet tax-xogħol ser ikollhom xogħol aktar ta' kwalita' bi produttivita' aktar għolja. Dan l-għan jista' biss jintlaħaq jekk ninvestu bis-sħiħ fir-riżors uman.

Għalhekk Il-UĦM tisħaq li l-gvern għandu jgħin fit-twaqqif ta' l-*Active Labour Market Counselling and Monitoring Team* biex jibda mill-aktar fiss possibli x-xogħol fuq din it-tip ta' politika. Aktar minn hekk l-UĦM titlob lill-gvern jikkunsidra l-introduzzjoni mill-ġdid ta' skemi bħal *Employment Aid Programme* u *Training Aid Framework*. Ma nistawx noqgħodu nistennew sa' l-2014 sakemm Malta terġa' jkollha l-fondi mill-Unjoni Ewropeja biex tħaddem dawn l-iskemi.




Il-UĦM tappella lill-gvern biex ikompli bl-isforz fejn aktar ħaddiema Għawdxin jingħataw xogħol f'Għawdex stess fejn dan ikun possibli. B'hekk jiġu mgħejjuna mijiet ta' ħaddiema li ta' kuljum ikollhom jagħmlu distanzi twal biex jaslu fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Il-UĦM tinsab minn fuq ta' quddiem biex tikkundanna kwalunkwe forma ta' xogħol prekarju. Għaldaqstant tappella lill-gvern bħala l-*model employer*, li sakemm mħux b'għażla ta' min qed jipprovdi s-servizz, l-gvern m'għandhux jimpjega nies miegħu b'kuntratt ta' *self-employed*.

## Il-Konsolidament Fiskali

Il-fiduċja ta' l-investituri barranin f'ekonomija jiddependu ħafna fuq il-qagħda finanzjarja ta' l-istess pajjiż. Għal pajjiż bħal Malta b'ekonomija miftuħa għas-swieq internazzjonali, huwa imperattiv li l-finanzi pubbliċi jkunu fl-aħjar qagħda possibli. Fid-dawl ta' l-isfidi li ser jiffaċja pajjiżna fil-ġejjieni, l-UĦM tisħaq li għandu jiżdied l-impenn kontra l-evażjoni fiskali.

L-ewwel u qabel kollox irridu naċċertaw li t-*Tax Compliance Unit* qiegħda tiffunzjona kif suppost. It-tieni, l-UĦM qed tipproponi għall-ewwel darba l-ħolqien tan-*National Consolidated Database* (NCD). L-NCD mhi xejn ħlief l-integrazzjoni tad-databases kollha li minnhom jiddisponi l-gvern biex b'hekk id-dipartiment tat-taxxa jkollu stampa aktar kompleta ta' min potenzjalment qiegħed jevadi t-taxxa u b'kemm. Minkejja l-ħidma mill-viċin bejn id-dipartiment tal-VAT, tat-Taxxi Interni u d-Dwana, individwi li jridu jevadu t-taxxu xorta jistgħu jagħmlu dan billi joqgħodu attenti kif jiddikjaraw id-dħul tagħhom. Bil-ħolqien ta' din id-database d-dipartiment konċernat jista' jsegwi l-konsum ta' l-individwu billi jkollu nformazzjoni dwar liċenżji ta' vetturi u bċejjeċ tal-baħar, akkwist ta' propjeta' u affarijiet oħra li jirrikjedu xi forma ta' liċenzja jew permess.

Tabilħaqq il-UĦM temmen li din il-proposta' hija fattabli hekk kif id-daqs ta' pajjiżna huwa wieħed żgħir. Proposta' bħal din tagħti lokk fejn ħafna ndividwi jirregolarizzaw ruħhom ħekk kif ikun qiegħed jintbagħat sinjal li l-infurżar qiegħed jiġi aġġornat bl-aħjar sistemi li minnhom tiddisponi s-soċjeta'.

## Is-Saħħa u l-Kura fil-Komunita'

Is-servizz tas-saħħa f'pajjiżna huwa l-aktar servizz soċjali mportanti għalhiex popolazzjoni mingħajr servizz ta' kura tajba ma tistax tikkontribwixxi bl-aħjar mod lejn is-soċjeta'. Konxji li t-tibdil demografiku ser iġib miegħu domanda akbar għal dawn is-servizzi. Kalkoli maħdumin mill-Kummissjoni Ewropeja juru biċ-ċar li f'dawn il-ħmistax il-sena li ġejjien l-ispiża fuq dawn is-servizzi ser tiżdied b' 1.5% tal-PGD fuq dik attwali. Għaldaqstant, il-UĦM tinkoraġixxi lill-gvern jniedi eżerċizzju li permeżż tiegħu titjieb l-effiċjenza fl-użu ta' riżorsi. Ir-riżorsi li jiġu frankati għandhom jiġi ddedikati lis-settur tas-saħħa primarja biex b'hekk niżġuraw l-aqwa servizz lill-poplu Malti u Għawdxi filwaqt li tonqos il-pressjoni fuq l-isptar Mater Dei.

Huwa fatt magħruf li l-popolazzjoni Maltija ssofri minn fost l-għola rati ta' obesita' fost il-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropeja. Dan il-fattur jista' jkun ikkaġunat minn diversi elementi fosthom l-ikel. Għaldaqstant, il-UĦM tħeġġeġ lill-gvern biex jikkunsidra sistema' ta' liċenżjar differenti fejn neġożji li jbiegħu *junk food* iħallsu rati li jkunu aktar għolja. Din il-miżura għandha sservi biex kemm jista' jkun jiġi skoraġġit l-ikkunsmar ta' dan it-tip ta' ikel, kif ukoll iż-żieda fid-dħul għall-gvern għandha tmur għall-baġit tas-saħħa.




## Il-Familja

Il-familja hija l-bażi ta' kwalunkwe soċjeta' u ekonomija. Huwa biss jekk il-familji jkunu b'saħħithom li s-soċjeta' tista' taspira għall-livell ta' għixien aħjar. Għalhekk il-UĦM tixtieq li b'mod gradwali l-gvern jgħin lis-settur privat jdaħħal aktar miżuri favur il-familja li llum tiġa jinstabu fis-settur pubbliku. Iżjed minnhekk, il-UĦM tħeġġeġ il-gvern ikun aktar proattiv fil-politika tiegħu dwar il-familja speċjalment fil-qasam taċ-childcare u l-involviment tan-nisa fil-qasam tax-xogħol.

Minn ftit kalkoli li l-UĦM għamlet jirriżulta li pajjiżna jista' jagħmel il-qabża li jmiss fil-qasam taċ-childcare billi dan is-servizz jiġi offrut b'xejn lil kull min irid jagħmel użu minnu. Miżura bħal din tkun pass ieħor favur il-familja u x-xogħol hekk kif ikun qiegħed jissaħħaħ il-kunċett ta' *Making Work Pay*. Permezz ta' Public Private Partnerships il-gvern jista' jidħol għal-piż li jħallas il-carers flimkien ma somma oħra li tkopri l-ispejjeż u l-profitti ta' l-intraprendituri. Il-fatt li l-ħlas eżorbitanti li għandna llum jista' jlaħħaq l-

€2,500 (wara id-deduzzjoni mit-taxxa), qed iżomm lura lil eluf ta' ommijiet milli jilħqu l-potenzjal tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk dan l-inċentiv jista' jwassal biex jagħti spinta liema bħala lis-suq tax-xogħol. Huwa stmat li din il-miżura tista' toħloq madwar 4.65 miljun sigħa aktar ta' xogħol fis-sena, bl-ispiża għall-gvern tkun negleġibli jew saħansitra jispiċċa jdaħħal aktar dħul (aktar dettalji fl-appendiċi). Jidher biċ-ċar li teżisti relazzjoni pożittiva bejn l-ammont ta' servizz ta' childcare u r-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Dan jirriżulta mill-fatt li f'dawk il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja fejn hemm servizz qawwi ta' childcare, r-rata ta' parteċipazzjoni ta' nisa fis-suq tax-xogħol hi aktar qawwija.




B'din il-miżura nkunu qed ngħinu l-aktar lil dawk in-nisa li sa issa ma gawdew mill-ebda inċentiva fiskali tal-gvern fi kreditu tat-taxxa. Fi stħarriġ lil għamlet il-UĦM jirriżulta li dan il-fatt huwa evidenti bl-aktar mod ċar. It-tabella hawn isfel tindika kif dawk in-nisa li għandhom l-anqas edukazzjoni f'pajjiżna isibuha diffiċli ħafna biex jaħdmu u jżommu lil uliedhom. Dan propju għax l-ammont ta' flus li jibqalgħom wara li jnaqqsu l-ispejjeż involuti bħaċ-childcare ma jibqax aktar konvenjenti għalihom li jaħdmu. L-istatistika turi bl-aktar mod ċar li investiment f'aktar childcare ta' kwalita u li jkun b'xejn, jgħin biex jitnaqqas id-distakk ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol bejn nisa bla tfal u dawk li għandhom it-tfal. Din il-problema ma tidhirx daqshekk fis-seħħ fost dawk li għandhom edukazzjoni għola, propju għax b'paga aktar għolja jifilħu jħallsu għal spejjeż addizjonali filwaqt li xorta jibqalgħom aktar flus disponibbli.

| | Malta (2011) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Suq tax-xogħol [1] | Bla tfal [2] | Bi tfal iżgħar minn 6 snin [3] | Differenza [3-2] |
| ISCED 0-2 | 39.7 | 63.1 | 27.8 | -35.3 |
| ISCED 3-4 | 75.2 | 86.7 | 69.7 | -17.0 |
| ISCED 5-6 | 89.0 | 93.7 | 84.0 | -9.7 |
| TOTAL | 56.4 | 76.2 | 49.4 | -26.8 |

| | EU27 (2011) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Suq tax-xogħol [1] | Bla tfal [2] | Bi tfal iżgħar minn 6 snin [3] | Differenza [3-2] |
| ISCED 0-2 | 50.7 | 58.2 | 36.7 | -21.5 |
| ISCED 3-4 | 73.2 | 79.2 | 59.5 | -19.7 |
| ISCED 5-6 | 83.6 | 86.5 | 77.3 | -9.2 |
| TOTAL | 71.7 | 78.0 | 61.6 | -16.4 |

## L-Anzjani u l-Pensjonijiet

L-akbar sfida li pajjiżna ser ikollu jiffaċja minn wara l-Indipendenza 'l hawn ser tkun dik ta' popolazzjoni li aktar ma kemm jgħaddu snin ser tkun qed tixjieħ. Dan ma jfissirx biss anqas żgħażagħ disponibbli biex jaħdmu, iżda jfisser ukoll żieda fid-domanda għas-servizzi tas-saħħa u servizzi fil-komunita' li jippermettu l-anzjani jibqgħu ntegrati fis-soċjeta'. Bla ebda dubju dan jirriżulta wkoll f'żieda sostanżjali fl-infiq fuq pensjonijiet. Il-UĦM tinsab mħassba u mhux ftit rigward dan kollu.




Minn figuri uffiċjali jirriżulta li d-defiċit preżenti bejn dħul mill-bolla u nefqa fuq pensjonijiet huwa ta' 1.8% tal-Prodott Gross Domestiku. Huwa mistenni li fis-snin li ġejjien dan id-defiċit ikompli jiżdied. Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropeja[1] juru li fis-sitwazzjoni attwali, d-dejn tal-pajjiż mistenni jisplodi hekk kif l-ispejjeż marbuta ma' l-infiq fuq l-anzjani mistennija jaċċeleraw. Ta' min isemmi ukoll li minkejja r-riforma tal-pensjonijiet, il-pensjoni tad-due terżi mistennija tidgħajjef xi ftit fis-snin li ġejjien meta mqabbla mal-paga medja[2].

Fid-dawl ta' dan kollu u biex niżguraw sistema' sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri, l-UĦM tappella lill-gvern biex jiftaħ id-diskussjonijiet ma' l-imsieħba soċjali fuq l-addożżjoni tat-tieni pilastru. Il-UĦM tħoss li sa l-2015, pajjiżna għandu jkollu bażi ta' fteħim nazzjonali fuq kif u minn meta ser jinbeda t-tieni pilastru. Dan ifisser, li filwaqt li l-UĦM tappoġġja u hi favur l-introduzzjoni tat-tielet pilastru, dan ta' l-aħħar m'għandhux iservi ta' sostituzzjoni għat-tieni pilastru. Il-UĦM iżżid ukoll li fl-eventwalita' tat-tielet pilastru l-gvern m'għandhux jagħti eżenzjonijiet mit-taxxa lil dawk li jagħżlu li jidħlu f'xi skema. L-union ma tħossx li dan il-piż għandu jintrefa' mit-*tax payers* Maltin u Għawdxin. Tkun ħasra kbira jekk il-pajjiż jaddotta sistemi fejn min ma jiflaħx jaħseb għal rasu jitħalla jixxejjer mar-riħ. Il-bene kollettiv għandu jibqa' suprem biex niżguraw ġustiżżja soċjali.




Bħala miżuri li għandhom jittieħdu fil-baġit ta' din is-sena, il-UĦM tirrakkomanda lill-gvern biex jaddotta l-proposta 22 tal-*Pensions Working Group*, fejn ir-romol għandhom jingħataw pensjoni sħiħa u mhux iżjed dik imnaqqsa meta jiġi nieqes ir-raġel jew il-mara. Addiżżjonalment, il-UĦM tħeġġeġ lill-gvern biex

[1] Sustainability Report 2009, European Economy 9 -2009 – European Commission
[2] Strategic Review on the Adequacy, Sustainability and Social Solidarity of the Pensions System – 2010 Pensions Working Group

jantiċipa l-introduzzjoni tal-Pensjoni Minima Nażżjonali li tkun 60% tal-*Median Equivalised Income* u kif ġara fil-baġits tal-passat, il-gvern ikompli jagħti lura parti mill-pensjoni tas-servizz lil dawk il-pensjonanti li huma eleġibbli.

## Ir-Riżorsi Ambjentali

Is-sostenibilita' tar-riżorsi ambjentali huwa fattur kruċjali għall-ekonomija b'saħħitha. Pajjiż żgħir bħal tagħna mingħajr ebda forma ta' risorż naturali irid ikun assertiv fid-deċiżjonijiet li jieħu dwar l-qasam ta' l-enerġija u l-ilma. In-nuqqas ta' nvestiment fl-Enemalta għal diversi snin wassal biex l-effiċjenża tat-turbini titbaxxa' ħafna bil-konsegwenża li dawn jispiċċaw sena wara l-oħra jagħtu anqas *output* għal ammont ta' żejt li jikkunsmaw. Eventwalment biż-żieda fil-prezz internazzjonali taż-żejt u mingħajr ebda tnaqqis fl-użu ta' żejt ikkunsmat, il-ġenerażżjoni ta' l-elettriku f'pajjiżna spiċċat tgħola fil-prezz. Il-UĦM għalhekk tħeġġeġ lill-gvern ikompli bl-investiment li qiegħed jagħmel fis-settur ta' l-enerġija biex eventwalment pajjiżna jkollu sigurta' fil-qasam ta' l-enerġija, bil-possibilita' ta' roħs fil-prezzijiet meta dan ikun possibli. Il-UĦM tinkoraġixxi l-gven ikompli bil-proċess li qabad biex jesplora l-possibilita' li jħaddem l-impjanti ta' l-enerġija bil-Gas flokk bil-Heavy Fuel Oil ħalli b'hekk niżguraw enerġija aktar nadifa.

Il-UĦM kif irrimarkat fil-proposti tal-baġit tas-sena 2012, tixtieq li terġa' ttenni l-preokkupazzjoni tagħha fuq il-qasam tal-produzzjoni ta' l-ilma f'pajjiżna. Jidher biċ-ċar li s-sistema' preżenti fil-produzzjoni ta' l-ilma assolutament mhiex waħda sostenibbli. Attwalment il-Korporazzjoni għall-Ilma qed iġġib madwar 43% ta' l-ilma li tipproduċi mill-ilma tal-pjan. Minn naħa l-oħra, il-figuri fuq il-konsum ta' l-ilma juru li huwa biss madwar 53% ta' l-ilma kkunsmat li jiġi mħallas. Il-kumplament jew jintilef jew jiġi misruq. Dan bla ebda dubju mhux sostenibbli. B'dan il-pass minn hawn u ftit tas-snin oħra l-WSC ser ikollha tibda tipproduċi l-ilma kollu li tqassam hekk kif l-ilma tal-pjan ma jibqax tajjeb. F'din l-eventwalita' l-uniku triq li jkun għad baqgħa hi dik li jgħola l-kont ta' l-ilma. Għalhekk l-UĦM tħeġġeġ il-WSC biex tindirizza l-problema ta' serq li teżisti, filwaqt li jittieħdu dawk il-miżuri neċessarji biex jiġi assigurat is-sostenibilita' ta' l-ilma tal-pjan.

Il-UĦM tinkoraġġixxi ukoll lill-gvern biex ikompli jagħti nċentivi fiskali biex il-poplu jitħajjar jixtri affarijiet li jiffavorixxu jew jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent, fosthom il-pannelli fotovoltajiċi, solar heaters u l-bdil ta' karozzi antiki ma' dawk aktar ġodda u li jniġġsu anqas. Il-gvern għandu jikkunsidra wkoll inċentivi fiskali biex sidien ta' karozzi jitħajjru jaqilbu u jibdew jħaddmu l-vetturi tagħhom bil-gas.

## Konklużżjoni

Il-Union Ħaddiema Magħqudin temmen bis-sħiħ fil-kunċett ta' *Soċjeta' Sostenibbli*. Soċjeta' li filwaqt li ttejjeb il-livell ta' għixien għal dawk tal-llum, tagħraf li l-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu jixirqilhom li jirtu pajjiż fejn jkunu jistgħu jkomplu jkollhom livell ta' għixien aħjar. Huwa għalhekk li l-proposti għall-Baġit 2013 huma responsabbli u mmirati biex jindirizzaw mhux biss il-problemi attwali, iżda wkoll dawk

ta' għada. Ma jistgħax ikollna *Soċjeta' Sostenibbli* jekk ma jkollnix ekonomija, finanzi u qasam soċjali sostenibbli. Huwa għalhekk imperattiv li kulħadd f'pajjiżna jagħti s-sehem tiegħu biex jinħoloq aktar ġid. Is-sehem tan-nisa u l-ħaddiema li huma tiġa parteċipi fis-suq tax-xogħol huwa ċ-ċavetta biex dan kollu jġi fis-seħħ.

*Sakemm mhux indikat b'mod differenti l-istatistika użata f'dan id-dokument hija kollha meħudha mill-Eurostat.*

## Appendiċi 1

**Għan:** Servizz ta' childcare b'xejn u għal min jixtieq jużah biex verament ix-xogħol irendi għall-kullħadd.

**Tħaddim tas-sistema':** Public Private Partnership

**Target Group:** Ommijiet ma jaħdmux bi tfal taħt l-eta' ta' 3 snin.
Ommijiet li tiġa jagħmlu użu mill-faċilitajiet ta' childcare

**Numru eleġibbli ta' ommijiet li ma jaħdmux:** 6,200 omm

**Total ta' postijiet ta' childcare b'xejn:** 5,000 (postijiet għall-42% tat-tfal bejn l-eta' ta' 0-2).

**Benefiċċji tal-miżura**

- ⇒ 3,000 post ġdid ta' childcare
- ⇒ 550 impjieg ġdid għal childcarers
- ⇒ 2,000 impjieg* ġdid għall-ommijiet li sa issa ma kienux jaħdmu.
- ⇒ Nagħtu lura lill-klassi medja €5.4 miljuni.
- ⇒ Spiża anqas / dħul aktar f'taxxi għall-gvern.
- ⇒ Inċentiv lil dawk l-ommijiet li sa issa ma gwadanjawx mill-krediti mit-taxxa li offra l-gvern.
- ⇒ Stimulu fid-dħul lil dawk il-familji bid-dħul baxx.
- ⇒ Opportunita' għat-tfal biex jitgħallmu jissoċjalizzaw minn eta' żgħira (56% tal-familji Maltin u Għawdxin li għandhom tfal taħt is-sittax –il sena, għandhom wild wieħed biss).

**Il-miżura mill-lat finanzjarju**

**Spejjeż**

- ⇒ €11,000,000 f'pagi għall-850 childcarer
- ⇒ €3,500,000 biex ikopru l-ispejjeż taċ-childcare centres (medja ta' €700 għal kull tifel jew tifla).
- ⇒ **Spiża totali ta' €14,500,000**

**Dħul**

- ⇒ €3,151,000 fi dħul dirett minn fuq taxxa fuq id-dħul u bolol fuq l-2,550 impjieg (l-2,000 impjieg* huma kollha stmati li jaqilgħu mhux aktar mill-paga minima u jaħdmu medja ta' 33.7 sigħa xogħol fil-ġimgħa).

- ⇒ Bejn €10,420,000 u €12,920,000 fi dħul minn taxxi indiretti fuq il-kunsum wara l-effett multipliku fl-ekonomija.
- ⇒ Frankar ta' madwar €600,000 f'deduzzjoni tat-taxxa li l-gvern qiegħed jagħti llum.
- ⇒ **Dħul totali ta' bejn €14,171,000 - €16,671,000**

Dan ifisser li childcare b'xejn għal kulħadd jiġi **jiswa lill-gvern €379,000** jew **ikollu dħul ta' €2,121,000**; iġifieri orħos mis-sistema' attwali u b'aktar firxa fis-servizz. Fil-kalkoli ma ġewx ikkunsidrati ż-żieda fis-sigħat ta' xogħol li l-ommijiet jistgħu jaħdmu aktar hekk kif jagħżlu li jagħmlu aktar użu miċ-childcare centres.

Il-benefiċċju ta' childcare b'xejn għandu jkun pro-rata tas-siġħat li taħdem l-omm u b'numru addizzjonali ta' sigħat oħra biex jagħmlu tajjeb għal ħin ta' vvjaġġar lejn u mill-post tax-xogħol.